XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 45**
***It-Tnejn 29 ta' Frar, 2016***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fil-5.30p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| | Sur Domenic Zerafa | Viċi Sindku |
| | Sra Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| | Sur George Zammit | Kunsillier |
| | Sur Hubert Saliba | Kunsillier |
| **Uffiċjali:** | Sur Ruben Cassar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba.

1. **Laqgħa Pubblika**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti Nru 44 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3. **Budget 2016**

   Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Budget għas-sena 2016 li ġie approvat unanimament.

4. **Business Plan 2016**

   Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Business Plan għas-snin 2016/2018 li ġie approvat unanimament.

5. **Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**

**5.01** Memo 6/2016 – Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali.

**5.02** L-Assistent Prinċipal tal-Kunsill Ms Mary Haber talbet lill-Kunsill sabiex tibda taħdem tletin siegħa fil-ġimgħa flokk erbgħin siegħa għal raġunijiet familjari. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li Ms Haber tibda taħdem tletin siegħa fil-ġimgħa.

**5.03** Il-Kunsill irċieva l-ewwel pagament ta' €7500 minn għand il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali bħala premju għat-tieni post miksub permezz tal-proġett tal-latrina pubblika fil-Pjazza tax-Xewkija. Dan l-Award kien imniedi Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilta u Anzjanita Attiva. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja pubblikament lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Justyne Caruana ta' din l-inizjattiva li qed tagħmel ħafna ġid fost il-komunita.

**5.04** Is-Sur Pio Farrugia (Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali) staqsa lill-Kunsill jekk jaċċettax li Ms Odette Camilleri tinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa diġa iddiskuta din l-email mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti li minn naħa tiegħu ma sab ebda oġġezzjoni dwar din il-ħatra. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien qiegħed mal-Kunsill għal żmien temporanju u għalhekk joqgħod sakemm ikun hemm il-ħtieġa. Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha irringrazzjaw lis-Sur Ruben Cassar tax-xogħol li huwa wettaq kemm ilu fil-kariga u tal-koperazzjoni tiegħu f'din is-sitwazzjoni.

**5.05** Ms Mary Mifsud Micallef u Dr Deborah Mercieca informaw lill-Kunsill dwar attivita ta' tiġrijiet taż-żwiemel li ser issir fil-korsa taż-żwiemel ix-Xewkija. Għal din l-attivita qed jiġi propost li kull Kunsill Lokali ta' Għawdex ikun rappreżentat fejn anke s-Sindku jew rappreżentant tagħhom iqasmu l-premjijiet. Il-Kumitat Amministrattiv tal-Gozo Horse Racing Association qed jitolbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsilli sabiex din l-attivita tkun tista' issir. Il-Kunsill qabel li ngħinu fl-organizzazjoni ta' din l-attivita iżda l-ispiża m'għandix tkun ta' aktar minn €200.

**5.06** Il-Kunsill irċieva il-ftehim dwar 'Europe for Citizens' u għalhekk il-ġemellaġġ ma' Ragusa jista' jipproċedi. Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħat jassistu lill-Kunsill dwar dan il-ġemallaġġ ser ikolna lil Mario Borg u Ray Bondin. Is-Sindku informa lill-Kunsill li Ray Bondin diġa kelmu u forsi ikun hemm bżonn li flimkien imorru Ragusa sabiex isiru diskussjonijiet dwar l-attivita li għandha issir f'Ġunju li ġej fix-Xewkija.

**5.07** Il-Kunsill irċieva email minn għand Make Malta Dog Friendly dwar miżuri li jistgħu jittieħdu favur il-Klieb. Huma qed jitolbu ukoll li jsiru proposti biex jinstab post fejn jistgħu jiġbru klieb abbandunati. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm min għandu xi proposta għandu jgħaddiha lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex wara nipproponuha lil din l-għaqda.

**5.08** Saru kuntatti bejn l-Arċipriet u l-Pest Control Unit fi ħdan il-Environmental Health Directorate biex tissolva l-problema tal-ħamiem li jkun hemm mal-Knisja u li qed jikkawżaw ħsarat kbar mal-istess Knisja. Il-Kunsill ġie mitlub biex jiprovdi servizz

tal-Pulizija. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni u għalhekk se jordna s-servizz ta' Pulizija kif ikun mitlub mill-Pest Control Unit.

**5.09** Ir-Review Panel tar-Reserved Parking approva li jsir Reserved Parking fi Triq San Bert quddiem Nru 56 ta' Welsie Erikkson. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni dwar dan il-permess.

**5.10** Herbert Naudi huwa inkarigat mill-manutenzjoni tat-tabelli 'Merħba' li huma proprjeta tal-HSBC. Il-Kunsill qabel li għandna niffirmaw ftehim ma' Herbert Naudi fejn napprovaw li issir il-manutenzjoni meħtieġa minn naħa ta' Herbert Naudi u nikkonfermaw li t-tabelli 'Merħba' huma proprjeta tal-HSBC. Is-Sindku ippropona ukoll li naraw fejn nistgħu inwaħħlu aktar minn dawn it-tabelli u b'hekk nitolbu lill-HSBC sabiex tiprovdihom ukoll.

**5.11** Mro Colin Attard informa lill-Kunsill li għal attivita 'Gaulitana - A Festival of Music' li ser issir nhar it-Tnejn 11 ta' April fit-8.00pm fil-Mużew tal-Iskultura se jieħu sehem il-kitarrista klassiku minn Monaco Kevin Moindaze.

## 6. <u>Materja oħra</u>

**6.01** Charlie Attard ta' Triq Torri Tingi kien talab biex isiru sinjali sofor (double yellow line) mal-ġenb tal-garaxx peress li qed jipparkjaw eżatt mal-biex u ma' jkunx jista' jidħol jew joħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta sabiex isiru dawn is-sinjali sofor.

**6.02** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ipproponiet lill-Kunsill li l-bins għall-ħmieġ tal-klieb li twaħlu fi Ġnien il-Ħaddiem għandhom jitniżlu isfel għar-raġuni li fuq mhux qed jintużaw u hemm ukoll tabelli biex il-klieb ma jiddaħlux fil-ġnien. Il-Kunsill qabel li dawn il-bins għandhom jitniżlu isfel.

**6.03** Il-Kunsillier Hubert Saliba informa lill-Kunsill li t-tabella li jkun hemm mal-Bring in Sites m'għadhiex tidher u għalhekk għandha tinbidel. Il-Kunsill qabel li għandna navżaw lil Greenpak sabiex jibdluha.

**6.04** Is-Sindku informa lill-Kunsill li matul il-lejl bejn it-28 u 29 ta' Frar xi persuna jew persuni wettqu att vandalu billi kisru diversi mirja tat-traffiku. Hemm 22 mirja miksura. Is-Sindku qal li diġa saru rapporti mal-Pulizija li minn naħa tagħhom qed jinvestigaw. Il-Kunsill unanimament iddeplora u ikkundanna dan l-att vandalu. Kull min ikollu xi tip ta' informazzjoni anke anonima għandu jgħaddiha lill-Pulizija. Sadanittant sar rapport ukoll ma' tal-Insurance sabiex il-Kunsill jingħata lura l-ispejjeż involuti.

**6.05** Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet li qed isiru mill-kumpanija Vodafone fi Triq Sant'Elizabetta u anke Triq Ħamrija. Dwar Triq Sant'Eliżabetta s-Sindku qal li qiegħed f'kuntatti kemm ma' Vodafone kif ukoll ma' Transport Malta u l-Water Services Corporation sabiex it-triq tingħata kisja tarmak kollha kemm hi u mhux it-trinka biss. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jkompli bid-diskussjonijiet u naslu fi ftehim biex it-triq issir kollha bit-tarmak. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk

XEWKIJA

jintlaħaq dan il-ftehim għandha tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex tingħata kisja tarmak. Dan għar-raġuni li b'tal-Vodafone u entitajiet oħra ser issir parti mit-triq skond l-area tat-trinka tagħhom u l-kumplament trid issir mill-Kunsill.

**6.06** Dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Torri Tingi s-Sindku informa lill-Kunsill li bi ftehim mal-Ministeru għal Għawdex ser isir storm water culvert biex tissolva l-problema tal-ilma tax-xita f'din it-triq. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni mingħand ir-residenti li ilmentaw dwar din il-problema tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu isir dan il-water culvert. Ix-xogħol ser isir mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li l-Kunsill jixtri il-katusi u xi materjal ieħor li jkun hemm bżonn.

**6.07** Dwar l-istess xogħlijiet li qed isiru fi Triq Torri Tingi mill-Ministeru għal Għawdex u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma eżatt quddiem u ma' ġenb l-uffiċċju tal-Kunsill is-Sindku qal li huwa ippropona lill-Ministeru sabiex issir il-pjazzetta kollha bit-tarmak peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u għalhekk din għandha issir kollha. Is-Sindku qal li jista' jkun li peress li din ma kienitx fil-pjan tagħhom li ssir kollha, il-Kunsill ikun mitlub li joħroġ parti mill-ispejjeż. Il-Kunsill qabel li għandha issir kollha u b'hekk ikun proġett komplut.

**6.08** Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet fuq il-latrina pubblika tal-Pjazza jinsabu fi stadju finali u għalhekk dalwaqt ikun jista' jibda jintuża l-lift ukoll. Jonqos li napplikaw għad-dawl biex ikun jista' jitħaddem il-lift. Ser issir l-applikazzjoni mal-Arms Ltd.

**6.09** Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar l-ilmenti ta' residenti li joqgħodu fi Triq Ġidi huwa kien ikkordina mal-Ministeru għal Għawdex u l-entitajiet konċernati sabiex isir is-servizz tad-drenaġġ. Peress li din hija triq ġdida l-Kunsill mhux fir-responsabilta tiegħu li jagħmel dan is-servizz u għalhekk is-Sindku ikkordina mar-residenti u l-Awtoritajiet konċernati biex jintlaħaq ftehim u dan is-servizz importanti isir bla ħafna aktar dewmien.

**6.10** Is-Sindku informa lill-Kunsill li attenda għal-laqgħa tal-LESA fejn ġew diskussi fost affarijiet oħra problemi dwar ħmieġ tal-annimali fit-toroq u fuq il-bankini b'mod speċjali tal-klieb u żwiemel. Din il-problema se tkun qed tiġi ikkontrollata fuq skala nazzjonali peress li mhix problema tar-raħal tagħna biss iżda ta' kullħadd. Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibed l-attenzjoni dwar il-parking fil-pjazzetta ta' wara l-Knisja. Is-Sindku qal li matul l-istess laqgħa ġew diskussi ukoll problemi simili bħal dawn u mistenni li l-LESA se tkun qed tagħmel aktar sorveljanza fit-toroq u pjazez kollha tal-irħula u bliet. Waqt l-istess laqgħa s-Sindku qal li iddiskutew dwar possibilta li jinstab post adattat fejn jitpoġġa ramel apposta biex il-klieb iħamġu biss f'dan il-post u b'hekk tissolva l-problema ta' ħmieġ tal-klieb fuq il-bankini. Aktar informazzjoni dwar dan għanda tingħata 'l quddiem.

**6.11** Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienu marru Malta sabiex ġie iffirmat il-ftehim dwar l-Urban Greening. Il-Kunsill qabel li għandna nibdew il-proċess biex tinħareġ sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet

meħtieġa u jitwaħlu s-siġar u pjanti skond il-ftehim iffirmat. Il-Kunsill ser ikun qed jingħata sa massimu ta' €30,000 għal dan il-proġett.

**7. Kontijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher fl-iskeda nru 7-45 li qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**8. Tmiem il-Laqgħa**

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu, 2016 fl-4.00p.m. Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

Ruben Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Paul Azzopardi
Sindku